# Erbgħa Kappillani f'Parroċċi Oħra

Julian Bezzina



Hija ħaġa sewwa li minn żmien għal żmien niftakru f'dawk l-Għargħurin li għamlu isem mhux biss għalihom iżda wkoll għal raħal twelidhom. Erbgħa saċerdoti Għargħurin baqgħu msemmija fl-istorja tal-irħula li fihom servew bħala kappillani, għax għamlu ġid kbir lill-knisja u lis-soċjeta' fl-irħula rispettivi tagħhom.

**Dun Ġwann Dumink Mifsud J.U.D., S.Th.D. - Kappillan tan-Naxxar (1687 - 1720)**

Dun Ġwann Dumink Mifsud twieled fir-raħal tagħna fl-1642. Kien bniedem ta' għerf straordinarju tant li kellu dottorat fil-liġi tal-knisja u dik tal-Istat (J.U.D., kif ukoll fit-Teoloġija (S.Th.D.). L-Isqof Davide Cocco Palmieri laħqu eżaminatur tas-saċerdoti u tal-kjeriċi u fl-1703 ħa sehem fis-sinodu djoċesan. L-istess isqof laħqu kappillan tan-Naxxar fil-15 ta' Ġunju, 1687. Hawn, għal 33 sena hu mexxa din il-parroċċa bl-akbar reqqa, u b'xhieda ta' dan huma l-kotba tal-parroċċa, l-aktar dawk ta' l-*Istatus Animarum*, fejn wieħed isib informazzjoni kbira tal-qagħda tan-nies tan-Naxxar fi żmienu.

Mhux ta' b'xejn kien magħruf bħala *'cronista di somma intelligentia'*. Barra dan, kellu karattru mżejjen bit-tjieba, bl-umilta' u l-karita'. Il-Knisja Parrokkjali tan-Naxxar hija mżejna b'waħda mill-akbar opri tiegħu, id-dekorazzjoni tal-kor, li saret minn Lorenzo Gafa' fl-1690. Fi żmienu saru wkoll it-titular tal-iskola tal-Preti, iż-żewġ kwadri ta' Stefano Erardi u s-sedji tal-kor. Hu rtira mill-parroċċa fl-1720 minħabba li kien naqaslu d-dawl, u reġa' ġie joqgħod fir-raħal. Miet sentejn wara u ġie midfun fil-knisja tagħna, quddiem l-artal maġġur. Il-lapida ta' fuq il-qabar tiegħu illum nistgħu narawha fis-Sagristija.



*Mons. Pietru Bartolo*

**Mons. Pietru Bartolo - Kapillan tax-Xewkija u Ħaż-Żebbuġ**

Dun Pietru Bartolo twieled Ħal Għargħur fil-21 ta' Frar, 1821. Tgħallem fis-Seminarju ta' l-Imdina, laħaq saċerdot fl-1846 u qatta' l-ewwel telttax-il sena fil-parroċċa tagħna bħala prokuratur u viċi tal-Kappillan Dun Franġisk Saverju Xuereb. Kien iħobb ħafna t-tagħlim u barra li kien jgħallem il-katekiżmu lit-tfal, kien fetaħ skola f'daru biex jeduka lit-tfal tar-raħal.



*Qabar Mons. Pietru Bartolo*

Kien predikatur mill-aqwa u ppriedka f'ħafna knejjes. L-Isqof Mons. Carmelo Scicluna għażlu bħala kappillan tax-Xewkija, f'Mejju 1859. Hawnhekk għalih l-aktar ħaġa importanti kienet l-edukazzjoni tat-tfal u ħadem ħafna biex jinfetħu l-iskejjel governattivi, tas-subien fl-1860 u tal-bniet fl-1862. Fil-15 t'Awwissu, 1864, l-istess isqof ħatru kappillan ta' Ħaż-Żebbuġ. Hu mexxa dan ir-raħal għal tlieta u għoxrin sena. Fi żmien dan l-Arċipriet, saret l-istatwa ta' San Ġużepp minn Ġlormu Dingli u tlestiet meta l-Papa Piju IX ipproklama lil dan il-qaddis bħala l-patrun universali tal-Knisja, fl-1870.



Mons. Luigi Catania

Wara li temm il-ħidma tiegħu f'dawn il-parroċċi, l-isqof ħatru Monsinjur tal-Katidral tal-Imdina. Miet fis-26 ta' Ġunju, 1900, fl-eta' ta' tmenin sena u ġie midfun fil-Katidral tal-Imdina, fix-xellug, qrib il-bieb il-kbir mgħotti b'lapida li tfakkar il-ħidma tiegħu bħala saċerdot, kappillan u monsinjur.

**Mons. Luigi Catania D.D. -**
**Kappillan ta' Ħaż-Żabbar**




Qabar Mons. Luigi Catania

Mons. Luigi Catania twieled fir-raħal tagħna fit-3 ta' Novembru, 1898 u għammdu l-Kappillan Dun Pier Battista Agius. Ta' eta' żgħira wera li kien mixħut għall-istudju, tant li daħal il-Liċeo bi *scholarship*, fejn kien wieħed mill-aħjar studenti. Wara li sar saċerdot fl-1921, kompla l-istudji tiegħu fl-Universita' ta' Malta, fejn ħa d-dottorat fit-Teoloġija u fl-1924 id-dottorat fil-Filosofija, fl-Universita' ta' Capranica (f'Ruma). Kien predikatur mill-aqwa u tista' tgħid li ppriedka f'kull knisja ta' Malta. Sena wara nħatar kappillan ta' Ħaż-Żabbar.

L-akbar żewġ opri li ħalla f'dan ir-raħal huma l-koppla, li nħattet u nbniet mill-ġdid, u l-arloġġ tas-Santwarju, li sar mill-ġdid. Fl-1935 sar Professur tat-Teoloġija Dommatika, fl-Universita' u wara kappillan tal-Pulizija. Il-Mulej sejjaħlu għal ħajja aħjar fid-29 ta' Lulju, 1943 waqt li kien qed jagħmel l-eżerċizzi lill-membri tad-Dipartiment tal-Edukazzjoni, fil-Kunvent tas-*Sacred Heart*, San Giljan. Il-funeral tiegħu sar fir-raħal tagħna, li tant kien iħobb, u ħadet sehem il-banda tal-Pulizija. Ġie midfun fiċ-Ċimiterju ta' San Ġwann.

**Mons. Bartolomew Bezzina**

Mons. Bezzina twieled fir-raħal tagħna fid-19 ta' Frar, 1927. Hu studja fis-Seminarju t'Għawdex u laħaq saċerdot fil-5 t'Awwissu, 1951. L-ewwel tliet snin tal-ħajja saċerdotali tiegħu għamilhom fir-raħal tagħna u fil-21 ta' Frar, 1954 ġie maħtur kappillan ta' Ħal Safi. Hawnhekk, barra li żejjen il-knisja b'ħafna opri sbieħ, bena ċ-ċimiterju u ddedikah lill-Madonna ta' Fatima. Fl-1960 inħatar Arċipriet tal-Mosta. Għal wieħed u għoxrin sena hu ħadem ħafna f'din il-parroċċa kbira. Hawn jibqa' msemmi fl-istorja tal-Mosta għall-inkoronazzjoni tal-kwadru tal-Assunta.

Meta temm il-ħidma tiegħu fil-Mosta l-Arċisqof Mons. Ġużeppi Mercieca ħatru Monsinjur tal-Katidral, fejn baqa' jaqdi lill-knisja sa ma' l-Mulej sejjaħlu, nhar il-Ħadd 29 ta' Marzu, 2009. Il-quddiesa funebri saret fil-Mosta iżda mbagħad sar il-funeral mill-knisja parrokkjali tagħna saċ-ċimiterju ta' San Ġwann, akkumpanjat mill-Banda San Bartilmew, u d-dfin tiegħu fil-qabar, li hu stess kien ħejja għalih.


*Qabar Dun Bert*

Barra dawn is-saċerdoti Għargħurin hemm oħrajn li saru kappillani f'parroċċi oħra u li jistħoqqilhom kull tifħir għall-ħidma li għamlu, u li qed jagħmlu f'dawn il-parroċċi, u li ma semmejnihomx f'dan l-artiklu. Dawn ukoll jistħoqqilhom li nfakkruhom darb'oħra. Fost dawn insibu lil Dun David Gauci B.A., S.Th.L, Kappillan ta' Ħal Lija, u lil Patri Ġużeppi Benedittu Xuereb Ofm, li kien kappillan tal-parroċċa tas-*Sacro Cuor*, f'Tas-Sliema.

Ghal Kull xoghol ta` Induratura
fuq armar tal-Festi, Arloggi tal-Lira
u Oggetti relatati mal-Knejjes



ikkuntattjaw lil
Jeffrey Zammit
21443438 / 79603723



Nawgura il-Festa t-tajba lil Kulhadd